



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

12.6.2012

B7-0336/2012

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar proposti ġodda biex tikun miġġielda l-kriżi finanzjarja sistemika u biex tkun attivata l-ekonomija reali permezz tal-investimenti għat-tkabbir u l-iżvilupp

Cristiana Muscardini, Gianluca Susta, Raffaele Baldassarre, Sergio Berlato, Lara Comi, Vincenzo Iovine, Niccolò Rinaldi, Crescenzo Rivellini, Licia Ronzulli, Oreste Rossi, Paolo Bartolozzi, Gabriele Albertini, Carlo Fidanza, Vito Bonsignore

RE\905383MT.doc

PE491.955v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar proposti ġodda biex tikun miġġielda l-kriżi finanzjarja sistemika u biex tkun attivata l-ekonomija reali permezz tal-investimenti għat-tkabbir u l-iżvilupp

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-kriżi finanzjarja,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-politiki ta' awsterità u l-miżuri fiskali imposti fuq l-Istati kkaratterizzati mid-dejn sovrani ikkawżaw kriżijiet soċjali ulterjuri bit-telfien tal-postijiet tax-xogħol, il-għeluq tal-impriżi, iż-żieda fil-qgħad u fl-għoli tal-ħajja, it-traqqiq tal-kreditu min-naħa tal-banek u s-suwiċidju ta' bosta imprendituri minħabba fil-falliment tal-azjendi tagħhom, u wasslu li r-reċessjoni persistenti tneħħi l-fiduċja mis-swieq;
- B. billi, minkejja l-miżuri li ttieħdu u s-sagrifiċċji tal-popolazzjoni, is-swieq liberi baqgħu jġarrfu l-valur patrimonjali bankarju u jżidu l-ispread fil-konfronti tal-obbligazzjonijiet federali Ġermaniżi (Bund);
- C. billi s'issa kienu biss il-banek tal-bidu tal-kriżi li ġew "salvati" bi flus it-taxpayers, mingħajr ebda tip ta' vantaġġ għall-faddala, imma b'benefiċċju għall-azzjonisti l-kbar u għal sistema marid li ħoloq il-bużżieqa spekulattiva enormi;
- D. billi mijiet ta' eluf ta' impriżi żgħar qegħdin fuq ix-xifer tal-falliment, minkejja li jwettqu funzjoni soċjali utli u partikolari fl-ekonomija tal-pajjiżi tagħna;
1. jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti relattivi għas-separazzjoni tal-kompiti bejn il-banek kummerċjali ġeneralisti u l-banek kummerċjali (finanzjarji);
 2. jistieden lill-Kummissjoni wkoll tattiva l-eurobonds u strumenti finanzjarji ġodda għall-investimenti maħsubin għat-tkabbir u għall-iżvilupp, b'mod partikolari għax-xogħlijiet infrastrutturali l-kbar.